150 SEMINARJU MISSJUNARJU #gwatemala2017

# sem&u

April 2017
Ħarġa nru 5

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

## Nagħtu l-ħajja lill-Knisja

Hemm frażi fis-sekwenza li tinqara fil-quddies ta' nhar l-Għid li dan l-aħħar xi ħadd ġibidli l-attenzjoni fuqha. Bil-Latin hija "*mors et vita duello*", it-taqbida bejn il-ħajja u l-mewt. Is-sentenza sħiħa bil-Malti hija: "F'taqbida tal-għaġeb mal-Ħajja, inqerdet il-Mewt". Din l-idea tal-ġlieda bejn l-mewt u l-ħajja hija xi ħaġa frekwenti fl-immaġinarju reliġjuż tal-bniedem u anki tal-Kristjaneżmu sa mill-bidu tiegħu, tant li San Pawl itenni bi kliem solenni: "Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?" (1 Kor 15,55).

Huwa interessanti dan is-simboliżmu tat-taqbida. Għalhekk fl-Għid, ir-rebħa ta' Ġesù Kristu fuq il-Ħażin, tal-Ħajja fuq il-Mewt, hija frott taqbida li la hija faċli u li r-riżultat tagħha mhuwiex magħruf minn qabel. Aħna mdorrijin neħduha *for granted* li wara l-Ġimgħa l-Kbira jiġi l-Għid, u għandna raġun għax hekk seħħ fil-fatt fl-istorja tas-salvazzjoni. Iżda fl-istejjer tagħna, tal-ħajja ta' kuljum, mhuwiex *for granted* li se tirbaħ il-ħajja u fil-fatt mhux dejjem tirbaħ. Xi kultant tirbaħ il-mewt. Ibda minn pajjiżi qrib tagħna fejn tiddomina l-gwerra u l-vjolenza, sa sitwazzjonijiet qrib tagħna fejn dak li jkun jogħtor taħt il-piż tat-tbatija.

Il-messaġġ sabiħ tal-Għid huwa li anki fejn il-mewt tidher li qed tirbaħ u li se tkun l-aħħar kelma, dejjem hemm tama għall-ħajja, għax fejn il-ħajja hija mogħtija l-iċken ċans din tkun ferm iktar qawwija u tippreżentalna quddiemna toroq ġodda li forsi nkunu nsejnihom.

Anki fil-Knisja tippersisti din it-taqbida bejn il-mewt u l-ħajja. Kristu wiegħed lill-Knisja tiegħu li, bil-grazzja tiegħu, se tibqa' ħajja. Imma l-knejjes tagħna – id-djoċesijiet, il-parroċċi, l-għaqdiet, il-kunventi, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tagħna – jistgħu jaffaċċjaw il-mewt. Dan minħabba diversi fatturi, imma fattur deċiżiv fil-battalja huwa l-preżenza jew in-nuqqas ta' saċerdoti ddedikati li bil-preżenza u l-enerġija tagħhom jagħtu l-ħajja lill-Knisja.

Għaldaqstant is-Seminarju huwa post ta' tama għall-Knisja kollha, minħabba li l-preżenza tiegħu hija sinjal qawwi li l-knejjes tagħna jistgħu jaffrontaw b'suċċess il-ġlieda kontra l-mewt. Nieħu gost inħares lejn ir-ritratti ta' meta kont seminarista jien u nara kemm minn sħabi qed jinvestu l-ħin u l-enerġija tagħhom – f'Għawdex jew barra – biex jagħtu ħajja ġdida, mhux dejjem f'kundizzjonijiet faċli. Konvint li l-istess ħaġa se nkun nista' ngħid għas-seminaristi tagħna fiż-żmien li se nagħmel bħala viċi-rettur.

Irroddu ħajr lill-Mulej Ġesù għal dan. Għax wara kollox nafu li fl-aħħar mill-aħħar huwa Hu li bil-mewt u l-qawmien tiegħu jagħti l-ħajja lill-Knisja.

**Dun Gabriel Gauci**
*Viċi Rettur*



Il-Bord Editorjali, il-*Formators* tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw
*l-Għid it-Tajjeb*
lill-Qarrejja kollha, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi tas-Seminarju.

## Grazzi...

...lil dawk kollha li l-Ħadd 12 ta' Frar 2017 ipparteċipaw u taw id-donazzjonijiet tagħhom fil-*walk4guatemala*.









...lil dawk kollha li s-Sibt 18 ta' Marzu 2017 ipparteċipaw u għenu waqt il-*carwash4guatemala*.



# CONTAINER 4GUATEMALA

- hwejjeġ tas-sajf (biss)
- *stationery*
- kompjuters
- logħob, *pushchairs*, roti
- sufani, pultruni, *loose furniture*
- sodod, imtieraħ u mħadded
- łożor (*cotton*) u xugamani ġodda
- *sports equipment*
- magni tal-mastrudaxxa (kemm dawk kbar kif ukoll żgħar)

**Is-Sibt 27 u l-Ħadd 28 ta' Mejju 2017**
**Ġbir qrib il-fabbrika tal-FXB, ix-Xewkija**
**(9am-8pm)**

Għal aktar informazzjoni:
21556479 / 99847100 fb - Sacred Heart Seminary - Gozo
email: majorseminary@gozodiocese.org

kull oġġett għandu jkun f'kundizzjoni tajba
hwejjeġ tax-xitwa mhux ser jiġu aċċettati
televixins u kull apparat ieħor għandu jkun kompatibli ma' 110W

# SUNDAY FUNDAY

Ġurnata ta' Divertiment għall-Familja

**Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2017**
**mill-10.30am 'il quddiem**
**Ta' Mena Estate**

*Dettalji jingħataw aktar 'il quddiem*

*Grazzi* **mill-qalb lil dawk kollha li kkontribwew fil-ġbir li sar b'risq is-Seminarju fl-eżerċizzi tar-Randan.**

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Is-seminarista Joseph Hili u d-djakni Michael Grima u Carl Scerri ressqu t-talba tagħhom lill-Isqof Mario Grech **għall-ordinazzjonijiet djakonali u presbiterali** rispettivament waqt il-Quddiesa, nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar.

Nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar il-komunità raddet ħajr 'l Alla **għat-30 sena ta' servizz ta' Sr Giuseppina** fis-Seminarju.



Is-seminaristi, nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, attendew **għall-konferenza li mexxa l-Kardinal Gianfranco Ravasi** bit-titlu: It-Tempju u l-Pjazza – Twemmin, kultura u soċjetà, fis-sala tal-iskola tas-Sorijiet Agostinjani, St Monica School, fil-Gżira.



Nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar ġie fi tmiemu **l-ewwel semestru** u wara saru l-eżamijiet. Imbagħad is-seminaristi kellhom tlett ijiem ta' mistrieħ f'Malta qabel il-bidu tat-tieni semestru, nhar it-Tnejn 13 ta' Frar.

Il-komunità kollha attendiet għal **kors tal-ewwel għajnuna** li tmexxa minn membru tal-ERRC.

Bejn il-Ħadd 19 u s-Sibt 25 ta' Frar ġiet organizzata **ġimgħa ta' talb għal aktar vokazzjonijiet fil-parroċċa tal-Għasri**.

Saru **żewġ laqgħat ta' formazzjoni:** waħda minn Dun Giovanni Curmi dwar il-*policies* fil-ħidma pastorali u l-oħra minn Mr Anthony Zammit dwar l-iżvilupp sostenibbli.



Il-komunità tagħna, nhar is-Sibt 4 ta' Marzu, **laqgħet lill-komunità tas-Seminarju tal-Arċisqof** għal mument ta' fraternità flimkien.

L-Erbgħa 8 ta' Marzu **ċċelebra l-Ewkaristija magħna Monsinjur Isqof** li wasslilna l-meditazzjoni tiegħu fuq il-profeta Ġona u l-identità tas-saċerdot bħala evanġelizzatur fil-partijiet u l-ambjenti li jibgħatu l-Mulej.



L-Isqof Mario Grech, nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu, laqa' lis-seminarista Joseph Hili mill-Parroċċa tax-Xagħra, bħala **kandidat għall-ordni sagri**. Din iċ-ċelebrazzjoni saret fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra.

**Fi żmien ir-Randan** ġew organizzati diversi attivitajiet. Insemmu: eżerċizzi għat-tfal tal-Gozo *College*, Victoria Primary (*Happy School*); Via Sagra fuq l-Għolja T'Għammar; korrezzjoni fraterna; u irtir. Is-seminaristi jirritornaw is-Seminarju, wara l-waqfa tal-Għid, nhar it-Tnejn 24 ta' April.



**Velja ta' Talb bi tħejjija għall-Ordinazzjonijiet**
nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2017 fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù

**Ordinazzjoni Presbiterali**
nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017
minn Mons. Isqof Mario Grech fil-Katidral ta' Għawdex
*Aktar dettalji jingħataw aktar 'il quddiem*

# Mill-Eku tas-Sena Intermedjarja

Seminarista **Andrew Grima**

Meta bdejt il-formazzjoni tiegħi fis-Seminarju dejjem kont nibqa' affaxxinat bl-esperjenzi tas-seminaristi li kienu għadhom kif temmew is-Sena Intermedjarja. Iż-żmien wasal biex anki jien, fil-mixja tal-formazzjoni tiegħi, ngħix din l-esperjenza. Il-mistoqsijiet f'qalbi u f'moħħi f'Settembru li għadda kienu ħafna! X'se nsib fil-parroċċa li fiha se nkun? Se nkun kapaċi ngħix din l-esperjenza? Kif se jilqgħuni n-nies? Bħal dawn kien hemm mistoqsijiet oħra li huma normali meta wieħed ikun se jibda esperjenza ġdida.

Il-parroċċa li fiha qiegħed inservi tinsab f'Ruma, l-Italja, u hi ddedikata lis-Santissimu Sagrament. Hawn popolazzjoni ta' madwar 25,000 ruħ. Hija parroċċa attiva ħafna, b'ħafna attivitajiet li jkopru kull faxxa ta' età.

Realtà ċentrali fil-ħidma tiegħi hija **l-oratorju**. Fil-fatt, kull nhar ta' Sibt u Ħadd, niltaqa' mat-tfal tal-parroċċa. Dakinhar huma mhux biss ikollhom ċans jilagħbu iżda wkoll, permezz tal-logħob, aħna l-animaturi nwasslulhom messaġġ marbut mal-Vanġelu tal-Ħadd. Barra l-oratorju, nhar ta' Ħadd filgħaxija, għandna l-formazzjoni tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Realtà oħra hija **l-Caritas**. Fil-fatt, il-Caritas Djoċesana bdiet proġett fil-parroċċa, fejn kull nhar ta' Tnejn filgħaxija noħorġu niltaqgħu ma' dawk bla saqaf fuq rashom, li jgħixu fil-parroċċa tagħna. Din hi esperjenza qawwija li iġġibek f'kuntatt dirett mat-tbatija.

**Il-Kelma ta' Alla** hi aspett ċentrali fil-ħajja tan-Nisrani. Dan huwa l-iskop tal-gruppi tal-Vanġelu li jinsabu fil-parroċċa. Jien ġejt afdat b'żewġ gruppi minnhom. Grazzi għal dawn il-laqgħat qed ikolli l-opportunità li flimkien mal-membri l-oħra, niltaqgħu fid-djar u naqsmu r-riflessjoni tagħna fuq il-Vanġelu tal-Ħadd.

Il-memorja ħajja ta' kull soċjetà huma **l-anzjani**. Dawn huma preżenza qawwija fil-parroċċa tagħna. Kultant żmien immexxi laqgħat kemm spiritwali kif ukoll kulturali fiċ-ċentru tagħhom, kif ukoll ngħin fil-ħarġiet kulturali li jorganizzaw.

F'kelma waħda, din l-esperjenza qiegħda tlaqqagħni ma' ħafna realtajiet li, min b'mod u min b'ieħor, kollha jagħtu il-kontribut tagħhom fil-formazzjoni tiegħi. Filwaqt li nawguralkom Għid qaddis, nistedinkom tkomplu titolbu lill-Mulej għalija u għal sħabi li qegħdin nagħmlu l-esperjenza tas-Sena Intermedjarja, għas-seminaristi u għall-*formators*, kif ukoll, biex il-Mulej ikompli isejjaħ aktar żgħażagħ li jwieġbuh b'ġenerożità.



# Imbuttati mill-Ispirtu għall-Missjoni

L-Insara kollha għandu jkollhom xewqa profonda biex iwasslu l-Bxara t-Tajba lill-oħrajn. Kull Nisrani hu msejjaħ biex wara li jesperjenza l-imħabba ta' Alla, preżenti fil-Vanġelu, jaqsam is-sbuħija ta' din il-Kelma ma' ħaddieħor.

**Ġesù magħżul mill-Ispirtu u mibgħut**
Li tkun dixxiplu missjunarju jfisser li tixhed għall-missjoni ta' Kristu. Fi kliem Kristu, din il-missjoni kienet: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, nwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (Lq 4,18-19). Din hija wkoll il-missjoni ewlenija tagħna.

**Ġesù jinsab magħna f'kull pass li nagħmlu**
Hu fatt li l-bniedem xi drabi jħossu bla tama quddiem il-provi tal-ħajja. Il-messaġġ Nisrani jista' jidher bħala ideal li ma jintlaħaqx. Madankollu, jekk inħarsu lejn Kristu rxuxtat, hu u miexi mad-dixxipli t'Għemmaws, nistgħu nimtlew bit-tama u l-kuraġġ. Hawn għandna liturġija (laqgħa ma' Alla) fin-normalità tal-ħajja ta' kuljum. Din il-liturġija tilħaq il-qofol tagħha fil-qsim tal-ħobż (Lq 24,30). Il-Vanġelu jurina li Alla jinsab dejjem magħna f'kull pass li nagħmlu. Iż-żewġ dixxipli msemmija kienu għadhom ħosbiena fuq dak li kien ġara f'Ġerusalemm f'dawk il-ġranet. Qalbhom kienet maqsuma u tilfu t-tama. Kien hawn li daħal Kristu. Hu mexa magħhom u qawwielhom qalbhom permezz tat-tifsir tal-Kelma. Bl-istess mod, il-bniedem ma għandux iġorr il-piż tal-missjoni tiegħu waħdu għax Kristu jinsab miexi miegħu.

**Ġesù hu dak li jkabbar iż-żerriegħa**
Hu importanti li nħallu l-Vanġelu jdawwalna fuq kif għandna nwasslu l-messaġġ. It-tixrid ta' din l-aħbar huwa kkaratterizzat mill-umiltà. Il-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda turina li minkejja l-fatt li din iż-żerriegħa kienet żgħira fid-daqs, kienet kbira fil-frott li għamlet. Jeħtieġ għalhekk li jkollna l-fiduċja f'Alla li jissorprendina kontinwament bil-ġenerożità tiegħu. Permezz ta' din il-fiduċja aħna ninfetħu għall-ħidma siekta tal-Ispirtu, li hija l-bażi ta' kull missjoni. Ma jistax ikun hemm missjoni mingħajr it-talb. Il-ħajja Nisranija tiġi mqawwija bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla u bir-relazzjoni ma' Alla preżenti fl-Ewkaristija, li hi l-post privileġġjat għal-laqgħa tal-bniedem ma' Alla.

*(Siltiet mill-Messaġġ ta' Papa Franġisku: Jum Dinji ta' talb għall-Vokazzjonijiet 2017)*